MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2004

Numru 216/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Caruana**
**Spettur Paul Bond**
v

**KEVIN ZAMMIT**
**CLAUDIO MALLIA**
**ANTHONY GALEA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **KEVIN ZAMMIT** ta' disgha w ghoxrin sena bin Alfred u Carmen nee Camilleri, imwieled Pieta nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 1974 u residenti Galea Flats, Flat 5, Triq Tumas Dingli, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita numru 557474M, **CLAUDIO MALLIA** ta' tnejn w ghoxrin sena bin Anthony u Rita nee Cuschieri,

imwieled Pieta nhar t-tmienja ta' Ottubru 1981 u residenti Block A, Flat 7, Triq Sant'Ursola, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 557681M u **ANTHONY GALEA** ta' erbghin sena bin l-mejjet Carmelo u Salvina nee Mifsud, imwieled Zejtun nhar s-sbatax ta' April 1963 u residenti Rural Room, Dellimara, detentur tal-karta tal-identita numru 223763M gew mressqa quddiemha akkuzati;

**Lil KEVIN ZAMMIT u ANTHONY GALEA**

1. Talli fil-Gzira nhar d-disgha ta' Marzu 2004 ghall-habta ta' l-ghaxra w nofs ta' filghodu, kkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Mazda 323 bin-numru ta' registrazzjoni EAU 309 li kienet ipparkjata f'The Strand, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u bix-xorta tal-haga misruq u li sehh ghad-dannu ta' Brian Pace mill-Gzira;

2. Talli fl-Imgarr, Malta nhar d-disgha ta' Marzu 2004 ghall-habta tal-ghaxra w nofs ta' filghodu bil-hsieb li jikkommettu delitt, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni ta' dan id-delitt u cioe billi ppruvaw jaghmlu serqa mill-hanut bl-isem 'Midway Store, sitwat fi Triq Sir Temi Zammit, liema serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta taghhom u li kieku sehh, kien ikun ikwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeccidix l-elf lira maltin u li ghad-dannu ta' Pauline Chetcuti mill-Imgarr;

3. Talli f'San Giljan, fid-disgha ta' Marzu 2004 ghall-habta ta' nofsinhar w ghoxrin fi Triq Dragonara, kkommettew serq ta' pouch tal-gilda kontenenti xi dokument personali, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u li sehh ghad-dannu ta' Michael Camilleri minn B'Kara.

**Lil KEVIN ZAMMIT u CLAUDIO MALLIA**

4. Talli fis-Swieqi nhar l-ewwel ta' Marzu 2004, ghall-habta tas-siegha neqsin ghoxrin ta' wara nofsinhar, kkommettew serq ta' mitejn lira maltin u xi affarijiet ohra minn 'Penny-Lane Pharmacy', sitwata fi Triq

is-Sejjieh, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin u li sehh ghad-dannu ta' Claudia Bugeja;

5. Talli fl-Imtarfa, nhar t-tlieta ta' Marzu 2004, ghall-habta ta' nofsinhar neqsin ghaxra, kkommettew serq ta' erbgha mitt lira maltin u xi affarijiet ohra minn Banka tal-Lottu sitwata fi Triq San David, l-Imtarfa, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin u li sehh ghad-dannu ta' Jean Pierre Sammut;

6. Talli f'Tas Sliema nhar l-hamsa ta' Marzu 2004, ghall-habta tal-hdax u hamsa ta' filghodu, kkommettew serq ta' portmoni kontenenti s-somma ta' ghoxrin lira maltin u xi affarijiet ohra mill-fond Flat 4, Capua Place, Triq Gorg Borg Olivier, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-lok u li sehh ghad-dannu ta' Maria Antonia Gerada anzjana ta' sitta w tmenin sena;

7. Talli f'San Giljan, matul dawn l-ahhar xahrejn ghall-habta tal-hdax ta' filghodu, kkommettew serq ta' mobile phone minn go vettura li kienet ipparkjata fejn d-Dolphin Supermarket, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin u bix-xorta tal-haga misruq u li sehh ghad-dannu ta' persuni mhux maghrufa.

**Lil KEVIN ZAMMIT WAHDU**

8. Talli fil-Belt Valletta nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2004 ghall-habta tas-siegha neqsin kwart ta' wara nofsinhar, ikkommetta serq ta' pouch kontenenti s-somma ta' mitejn erbgha w tletin lira maltin u xi affarijiet ohra minn go vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAS 102 li kienet ipparkjata fi Triq Merkanti, Valletta, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sehh ghad-dannu ta' Charlton Gerada;

9. Talli f'B'Kara fid-disgha w ghoxrin ta' Frar 2004 ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar, ikkommetta serq ta' handbag kontenenti somma flus, zewg cash link cards u xi dokumenti ohra minn go vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAB 571 li kienet ipparkjata fi Triq Ignazio Mifsud u li wara li uza l-istess cards irnexxielu jigbed somma flus ta' mitejn lira maltin mill-ATM tal-Bank of Valletta ta' fejn l-istazzjon f'B'Kara stess, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sehh ghad-dannu ta' Yvette Bugeja /jew Bank of Valletta;

10. Talli f'Tas Sliema, matul dawn l-ahhar xahrejn ghall-habta tal-hdax ta' filghodu kkommetta serq ta' pouch kontenenti s-somma ta' wiehed w erbghin lira maltin minn go vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni FBS 523 li kienet ipparkjata fi Triq Santa Marija, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u li sehh ghad-dannu ta' Godwin Degiorgio mill-Fgura.

**Lil KEVIN ZAMMIT, CLAUDIO MALLIA u ANTHONY GALEA**

11. Talli waqt li kienu qed jaghmlu d-delitti msemmija kellhom fuq il-persuna taghhom u garrew armi regolari;

12. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, garrew armi regolari u talli kellhom fil-pussess taghhom jew kontroll taghhom jew f'idejhom jew fuqhom xi armi regolari barra minn fond jew post li jaghmel mieghu minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija;

13. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arrestaw, zammew jew issekkwestraw lil istess persuni msemmija kontra l-volunta taghhom.

**Lil CLAUDIO MALLIA WAHDU**

14. Talli kiser il-provvedimenti mposti fuqu b'sentenza moghtija lilu fis-sbatax ta' Mejju 2002.

Rat d-dokumenti kollha esibiti f'dawn l-atti fosthom il-processi verbali in konnessjoni ma dawn r-reati redatti wiehed mill-Magistrat Dottor Miriam Hayman esibit a fol 33 et seq tal-atti u l-iehor redatt mill-Magistrat Dottor Silvio Meli esibit a fol 41 et seq tal-atti, iehor redatt mill-Magistrat Dottor Dennis Montebello esibit a fol 138 et seq tal-atti.

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tlettax ta' Settembru 2004 a fol 233 et seq tal-atti.

Semghet **l-ammissjoni tal-imputat Claudio Mallia** fis-seduta tat-tlieta w ghoxrin ta' Marzu 2004 ghal akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu, kif jirrizulta a fol 29 tal-atti, **l-ammissjoni tal-imputat Anthony Galea** fis-seduta tat-tnax ta' Mejju 2004 ghal akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu, kif jirrizulta a fol 134 tal-atti u **l-ammissjoni tal-imputat Kevin Zammit** fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2004 wkoll ghall-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu, kif jirrizulta a fol 214 tal-atti.

Rat l-artikoli tal-ligi kif mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tlettax ta' Settembru 2004 a fol 233 et seq tal-atti sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta fin-nuqqas t'oggezzjoni tal-imputati.

Semghet lil istess tlett imputati jiddikjaraw fis-seduta tal-ghoxrin ta' Settembru 2004 li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta a fol 235 tal-atti odjerni.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti tat bizzejjed zmien lit-tlett imputati sabiex jirrikonsidraw l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata taghhom izda dan nonostante it-tlett imputati ma regghux lura minn tali dikjarazzjoni maghmula minnhom fil-presenza tal-Avukati Difensuri taghhom fis-seduta fuq imsemmija u ghalhekk fuq tali ammissjoni, din il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibhom kollha hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghhom.

**Dwar il-piena**, il-Qorti kkonsidrat is-segwenti fatti:

a. Il-fedini penali taghhom esibiti a fol 18 et seq tal-process. Minn ezami taghhom jirrizulta li l-imputat **Anthony Galea** li llum ghandu wiehed w erbghin sena kien diga kiser dufrejh mal-ligi fi tlett okkazzjonijiet ohra fis-snin 1985, 1986, u 2001 meta nstab hati ta' kontravenzjonijiet u reati kontra l-Ordinanza tat-Traffiku u kontra l-Ordinanza tal-Armi w inghata sentenzi ta' probation u multi. L-imputat **Claudio Mallia** li llum ghandu tlieta w ghoxrin sena u hu wkoll kiser dufrejh mal-ligi u fis-sena 2002 inghata probation ta' tlett snin meta nstab hati fost akkuzi ohra, ta' attentat ta' serq filwaqt li l-imputat **Kevin Zammit**, li llum ghandu tletin sena, diga deher quddiem il-Qorti f'zewg okkazzjonijiet fis-snin 1991 u 1993 w inghata probation order u conditional discharge meta nstab hati fost akkuzi ohra talli kien komplici f'serq.
Illi ghalhekk jirrizulta li din il-Qorti m'ghandix tittratta mat-tlett imputati bhala *first time offenders* izda ghandha tittratthom bhala nies li qabdu t-triq ta' kriminalita.
b. Illi minn ezami tal-istqarrijiet tal-imputati u cioe dik rilaxxjata minn Claudio Mallia li tinsab esibita a fol 60 tal-atti markata bhala dokument AC 1, dik ta' Kevin Zammit li tinsab esibita a fol 64 markata bhala dokument AC 2 u dik ta' Anthony Galea li tinsab esibita a fol 69 et seq tal-atti markata bhala dokument AC 3, jirrizulta li t-tlett imputati kkorroboraw bis-shih mal-Prosekuzzjoni u taw d-dettalji kollha ta' kif sehhew s-serqiet u l-holdups in kwistjoni u bl-ghajnuna taghhom il-Pulizija kienet f'posizzjoni li ssolvi dawn in-numru ta' kazijiet fi zmien qasir.

Illi minn naha l-ohra pero din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li tali reati qed isehhu ta' spiss u qed jikkrejaw problemi

kbar fis-socjeta u ghalhekk din il-Qorti trid tibghat messagg lis-socjeta li dawn huma reati ta' sterrmija, molto piu meta jigu kommessi fuq anzjani u anke f'dawk il-kazijiet fejn hemm l-korroborazzjoni tal-malviventi, piena karcerarja hija l-piena idoneja u dan sabiex tali piena jkollha l-effett ta' deterrent kemm fuq l-imputati hatjin kif wkoll ghal malviventi l-ohra li hemm fis-socjeta.

Huwa minnu li l-fatturi tan-natura tal-istqarrijiet akkumpanjati mill-ammissjoni tal-akkuzi da parti tal-imputat ghandhom post fil-konsiderazzjoni tal-piena, izda certament m'ghandhomx jkollhom l-effetti li teskludihom u dan ghar-ragunijiet ovvji ghaliex altrimenti, il-Qorti tkun qed tippermetti sitwazzjoni fejn persuna li tkun ghandha l-hsieb li tikkommetti reat, tkun qed tigi nkoraggita bl-isperanza, anzi bic-certezza li din ser tigi ezentata mill-piena talvolta tammetti u tirrivela xi nformazzjoni li tkun utili ghal Pulizija.

**Huwa nnegabbli** li l-Qorti ghandha s-sehem taghha fil-manteniment tal-ordni pubbliku izda dan is-sehem ma jiehux din l-forma. Is-sehem tal-Qorti jikkonsisti filli ssir gustizzja mal-imputati bbazata fuq ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, b'hekk tiskuragixxi l-kommessjni ta' tali reati. Ghal din r-raguni, l-istqarrijiet odjerni kif wkoll l-ammissjoni tat-tlett imputati nghatat konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena izda mhux tali li eskluditha kompletament.

L-Avukati Difensuri sostnew li din il-Qorti ghandha tkun klementi mal-imputati ghaliex ghandhom problemi ta' droga w in oltre ghaliex ikkorroboraw bis-shih mal-Prosekuzzjoni.

F'pajjizna m'ghandna ebda ligi partikolari dwar ak li fl-Italja huwa maghruf bhala 'pentiti' li del resto inqas hemm ma huma protetti kif jippretendu. Ghandna biss certi kazijiet fejn tista tinghata l-proklama pero dan ma japplikax ghal kaz in dezamina u sa certu grad, u ghalhekk l-imputati jridu jirrispondu ghal dak li ghamlu anke jekk forsi ma kienux jinstabu hatja kieku m'ammettewx u lanqas kienu jigu konkluzi certi nvestigazzjonijiet kieku ma tawx l-informazzjoni huma.

Illi dwar l-fatt li l-imputati ghandhom problema ta' droga, din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz pero il-Qorti ma thossha xejn konvinta kemm din t-talba taghhom biex johorgu minn din il-problema hija wahda sinciera w affidabbli.

Tul il-process kollu had mill-imputati ma talab li jindirizza din il-problema salv ghal Avukat Difensur tal-imputat Claudio Mallia li talab fis-seduta tal-hdax ta' Marzu 2004 li isir *assessment* fuqu peress li huwa tossiko-dipendenti.

Dwar l-imputat Kevin Zammit, xehdet Josette Camilleri li qalet li hemm bzonn li l-imputat jibda programm residenzjali sabiex jindirizza l-problema serja li ghandu ta' abbuz ta' droga, pero jekk effettivament bedhiex tali programm, mill-atti ma jirrizulta xejn.

Illi ghalhekk, fid-dawl tas-suespost, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 18, 261(a)(b)(c)(g), 262(1)(b), 263, 267, 271(g), 277, 278, 279, 41(1)(a), 261(a)(b)(c), 262(1)(b), 263, 267, 277, 278, 279 tal-Kap 9, l-artikolu 26(a), 3(1)(1A) tal-Kap 66 u l-artikolu 86 tal-Kap 9 u l-artikolu 21 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta**, il-Qorti tiddikjara li qed issib lil imputati KEVIN ZAMMIT, CLAUDIO MALLIA u ANTHONY GALEA hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront taghhom u tiddecidi li tikkudannhom ghal piena karcerarja ta' tlett snin u xahrejn <u>kull wiehed</u>.**

**In oltre il-Qorti tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex f'kaz li l-imputati jitolbu li jindirizzaw il-problema taghhom t'abbuz ta' droga, dawn ghandhom jinghataw l-ghajnuna kollha f'kaz li jkun possibbli.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------